MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 879/2005

**Marisa Wright(ID 0027946)**

**Vs**

**Gollcher Company Limited u The Cargo Handling Company Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu Lm753.75 rappresentanti danni "ossia hsarat illi gew ikkagunati f'oggetti mobbli propieta tal-attrici".

Ra r-risposta ta' Gollcher Company Limited li qalet li l-attrici ddekadiet mid-dritt ta' azzjoni bl-iskadenza ta' aktar minn sena mill-konsenja tal-mobbli u d-data tal-presentata tal-avviz; li subordinatament li s-societa konvenuta mhiex il-legittimu kontradittur peress li ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-attrici; li f'kull kaz ebda responsabbilta ma hija mputabbli lis-societa konvenuta u kwalunkwe responsabbilita hija dejjem limitat skond il-

kundizzjonijiet tal-garr pattwiti fil-polza ta’ kariku u skond il-ligi.

Ra r-risposta ta’ The Cargo Handling Company Limited li qalet li t-talbiet attrici huma preskritt a terminu ta’ l-artikolu 65 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta’ Malta; li l-attrici kellha tipprova li l-allegati nuqqasijiet sehhew waqt li l-merkanzija kienet taht il-kontrol tas-societa eccipjenti; li s-societa konvenut qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi u li l-ammont pretiz huwa eccessiv u kontestat.

Sema x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

L-attrici xehdet li hi inkarigat lis-societa Fleet Shipping Company sabiex tibghat ghamara minn Ingliterra sa Malta. Meta waslet l-ghamara kien hemm hafna danni. L-attrici cemplet lil Gollcher Company Limited li baghtet surveyor. Gie esebit s-survey. L-attrici qalet li l-ghamara kienet assikurata izda meta talbet il-flus minn ghand Fleet Company ma kellhiex risposta. Hi halset lil Fleet International ghat-trasport. L-attrici qalet li sa fejn taf hi kienet Gollcher Company Limited li ttrasportat il-merkanzija sal-fond taghha f’Malta.

Illi skond in-Notice of Arrival l-merkanizja waslet Malta fit-18 ta’ Jannar 2004. Skond il-Bill of Lading s-shipper huwa Fleet International Ltd. Skond il-bill of Lading l-ghamara kienet “not seaworthy packed”.

Peter Fleri Soler xehed li Gollcher Company Limited agixxiet bhala agenti tas-societa estera Confreight UK Limited. Skond Fleri Soler l-merkanzija waslet f’Malta f’container flimkien ma’ merkanzija ohra. Malli inharegu l-oggetti tal-attrici mill-container gie notat li kien hemm “two packages damaged”. Fleri Soler qal li sa fejn jaf hu li Fleet Shipping Limited “handled the merchandise with Mrs. Wright and then passed it over to Confreight.

Dr. Aron Mifsud Bonnici qal li l-container gie “destuffed” fil-Freeport. Illi kienet is-societa Gollcher li hadet il-merkanzija mill-container sal bond. Cargo Handling

Company Limited kienet risponsabbli biss ghal "unloading" tal-container mill-vapur.

Ikkunsidra li l-merkanzija waslet f'Malta fil18 ta' Jannar 2004 u l-kawza giet presentata fil-20 ta' April 2005. Illi l-attrici hadet konsenja fis-27 ta' Jannar 2004. Illi ghalhekk ghaddiet iktar minn sena mill-wasla tal-merkanzija qabel ma l-attrici bdiet dawn il-proceduri.

Illi skond l-artikolu 65 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta "ma tista' ttiehed ebda azzjoni kontra l-Awtorita jew kuntrattur dwar ir-responsabbiltajiet taghhom …jew ghal xi telf jew hsara… kemm il-darba l-azzjoni ma tinbedix fi zmien tnax il-xahar …minn meta l-oggetti gew accettati …mill-kuntrattur.

Illi ghalhekk t-talba attrici fil-konfront tal-Cargo Handling Company ghandha tigi michuda.

Illi skond Gollcher Company Limited l-attrici ddekadiet mid-dritt ta' azzjoni bl-iskadenza ta' aktar minn sena mill-konsenja tal-mobbli u d-data tal-prezentata ta' dan l-avviz. Illi skond l-artikolu 544 tal-Kodici tal-Kummerc "actions for the delivery of goods .. shall be barred by the lapse of one year from the arrival of the vessel".

Illi ma hemmx dubju li l-attrici ppresentat il-kawza wara li ghaddiet sena mill-wasla tal-vapur u ghalhekk l-attrici ddekadiet mid-dritt ta' azzjoni.

Illi f'kull kaz ma hemm ebda prova li s-socjeta Gollcher Company Limited kienet b'xi mod risponsabbli ghal hsarat jew danni. Illi malli l-merkanzija inghata lil Shipper gie notat li l-"packing" ma kienx adegwat u Gollcher Company Limited ma kienitx involuta fil-"packing". Illi f'kull kaz Gollcher Company Limited ma kienitx qieghda tagixxi f'isimha propju izda bhala agenti.

Ghaldaqstant jichad it-talba attrici bl-ispejjes kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------